MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru. 912/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**KYLE VELLA**
**(ID Nru. 337696M)**

Illum, 12 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kyle Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 337696M.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-tlettax (13) ta` Settembru, 2014, ghal habta tat-tmienja u nofs ta` filghaxija (20:30hrs), gewwa Ta` Qali, limiti ta` H'Attard:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` PC 1112 George Buhagiar, persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leggittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta` dmirijiethom;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien hiereg minn gewwa l-Istadjum Nazzjonali ta` Ta` Qali, gab ruhu b'mod abbuzziv.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita` skont il-ligi, tordna li l-imputat ma jattendix fi *grounds* ta` *sports* ghal dak il-perjodu ta` zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li nnotat l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li nnotat l-eta` tal-imputat u l-koperazzjoni tieghu mal-Awtoritajiet investigattivi;

Wara li rat il-Fedeina Penali netta tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 95, 338 (bb) u 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u L.S. 10.33 Reg. (7).

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta u ma tapplikax il-multa preskritta mill-Artikolui 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------